MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 218/2003

**Avviz numru 218/03DM**

**Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta 'Antoine Auto Dealer'**

**Vs**

**Simon Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' tlett elef, erbgha mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltija u centezmu (LM3,428.01) rapprezentanti l-import ta' wiehed u erbghin (41) kambjala dovuti u skaduti rigwardanti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'BAA 663' lilhu mibjugha u kkonsenjata mill-attur.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 793/03 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, parti sostanzjali tas-somma mitluba diga’ giet imhallsa, u ghalhekk, l-ammont rikjest fit-talba attrici huwa ferm eccessiv.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-konvenut, kif jirrizulta kemm mill-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll mid-deposizzjonijiet tieghu f’ din il-kawza u mill-provi li pproduca, mhux qieghed jikkontesta illi effettivament huwa, fl-4 ta’ Dicembru, ta’ l-1997, kien iffirma il-kambjali esebiti mill-attur u li taghhom qed jintalab il-pagament, izda qieghed jikkontesta it-talba ta’ l-attur li jesigi l-hlas ta’ dawn il-kambjali billi jsostni illi dawn l-istess kambjalijiet ghandhom jitqiesu illi huma diga mhallsin u kellhom ikunu rritornati lura lill-istess konvenut.

Biex jasal ghal din il-prova tal-hlas il-konvenut allega, u gie kkorroborat minn missieru Victor Borg, illi, meta huwa kien sab xi diffikulta’ finanzjarja u ma setghax ikompli jaghmel il-pagamenti tal-kambjalijiet mertu ta’ din il-kawza li kienu skaduti, huwa kien ressaq lill- missieru Victor Borg

ghand l-attur sabiex dawn setghu jaslu f’ xi arrangament alternattiv biex ikun jista’ jithallas il-bilanc li kien dovut.

Kif jallega l-konvenut, u missieru Victor Borg ikkorroborah, il-ftehim li ntlahaq ma’ l-attur kien illi gew maghmula kambjalijiet godda migbuda issa fuq Victor Borg, missier il-konvenut, sabiex dawn jissostitwixxu il-kambjalijiet originali li huma l-mertu ta’ din il-kawza. Infatti Victor Borg isosstni illi huwa kien beda jhallas dawn il-kambjalijiet illi gew migbuda f’ ismu u nfatti esebixxa kopja tal-kambjalijiet minnu mhallsa u li gew lilu rritornati.

In oltre il-konvenuti isostnu illi dak in-nhar illi sar il-ftehim ma’ Victor Borg, anke l-licenzja tal-karozza daret ghal fuq Victor Borg.

Evidentement, jekk jirrizulta li effettivament sar dan il-ftehim allegat mill-konvenut, tkun tirrizulta prova definittiva tal-hlas tal-kambjalijiet originali li taghhom l-attur qed jitlob il-hlas f’ din il-kawza, peress illi kif appena gew migbuda il-kambjalijiet godda fuq isem Victor Borg biex jghamlu tajjeb u jissostitwixxu l-kambjalijiet originali migbuda kontra l-konvenut, il-hrug ta’ dawn l-istess kambjali migbuda fuq Victor Borg ammontaw immedjatament ghall-hlas tal-kambjalijiet l’ ohra li taghhom illum l-attur qed jippretendi l-hlas.

Minn naha tieghu l-attur ma’ jikkontestax il-fatt illi kien sar xi tentattiv mill-kovenut sabiex jipprovdi l-hlas tal-kambjali billi jipprezenta lil missieru halli jiehu fuq ismu kambjalijiet godda; izda l-attur isosstni illi la l-konvenut u lanqas missieru ma’ kienu deheru ghall-appuntament iffissat biex isir dan l-arrangement jew hlas.

Pero’ din l-allegazzjoni ta’ l-attur trid tigi skartata. Bil-prezentata tal-kambjalijiet mahruga mill-istess attur u migbuda kontra Victor Borg u minnhom iffirmati fit-28 ta’ Settembru ta’ l-1999, u esibiti minn fol 50 sa fol 52 tal-process, jirrizulta illi effettivament dak li qed jallega l-konvenut u missieru avvera ruhu; il-kambjalijiet originali gew imhallsin bil-hrug ta’ kambjalijiet sostituttivi migbuda fuq u ffirmati minn Victor Borg u martu, u liema

kambjalijiet l-istess attur jaccetta illi huma vera kopja ta' l-originali; anzi bin-nota tieghu jaccetta l-hrug ta' dawn il-kambjalijiet izda jsosstni li m' ghandhom ebda rilevanza ghall-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-kambjalijiet mahruga kontra l-konvenut fl-4 ta' Dicembru ta' l-1997 u esibiti f' din il-kawza kienu effettivament gew imhallsin bil-hrug ta' kambjalijiet ohra godda fil-konfront ta' Victor Borg missier il-konvenut, fit-28 ta' Settembru ta' l-1999.

Ghaldaqstant tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------